MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 935/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Godwin Farrugia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Godwin Farrugia**

**Vs**

**Marthese Mangion**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm338.15c (tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu) rappresentanti danni kkagunati f'incident ta' traffiku kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn allegat li l-incident gara unikament tort tal-attur Farrugia.

Ra fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2003 Dr Edward Saliba ghal konvenuta qal li ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabilita tal-habta.

Ra li l-konvenuta qieghda tikkontesta l-ammont ta' danni mitlubin biss.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti.

Ikkunsidra li skond is-survey report kien hemm Lm70.00c (sebghin lira Maltin) xoghol, Lm65.00c (hamsa u sittin lira Maltin) spray, parts <approx. Lm90.00c (disghin lira Maltin)>. Dan jaghti total ta' Lm225.00c (mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin). L-atturi qieghdin jitolbu Lm338.15c (tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu) li minnhom Lm25.00c (hamsa u ghoxrin lira Maltin) hija l-excess dovut lil Godwin Farrugia.

Fil-fatt kien hemm Lm70.00c (sebghin lira Maltin) xoghol ta' panel beating (Dok a fol 32); spray u repair ta' bumper Lm125.00c (mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin) plus Lm18.75c (tmintax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) VAT. Car hire Lm40.25c (erbghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu). Parts kien hemm Lm76.15c (sitta u sebghin lira Maltin u hmistax-il centezmu).
Is-surveyor Joseph Buttigieg issugerixxa li l-bumper jigi msewwi.

Fit-Trattazzjoni l-konvenuta ssotometiet li jirrisulta li skond is-surveyor ma kellux jinbidel il-bumper meta dan inbidel.

It-Tribunal pero jifhem li l-ircevuta ta' Marsim Garage ghal spray u repair bumper ifisser li m'inbidilx il-bumper.

Illi mill-provi prodotti u mid-dokumenti esebiti jirrisulta li d-danni riklamati huma ragjonevoli.

Ghaldaqstant, jichad ir-Risposta tal-konvenuta u jikkundannha thallas lil attur l-ammont ta' Lm338.15c (tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u hmistax-il centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifikat tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Mejju, 2001 kontra l-istess konvenuta u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------